MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 261/2003

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlett elef, seba' mija sitta u erbghin Liri Maltin hamsa u disghin centezmu (LM3,746.95) rapprezentanti l-prezz tax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta' Settembru tas-sena 2002 u tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru tas-sena 2002, kif ukoll tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-istess ittra legali sad-data tal-pagament effettiv;**

**3. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota datata is-7 ta’ Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant in vista ta’ l-ammissjoni fuq riferita din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Charles Borg biex ihallas lis-socjeta’ Stencil Pave (Malta) Limited l-ammont ta’ tlett elef seba’ mija u sitta u erbghin Liri Maltin hamsa u disghin centezmu (LM3,746.95) inkluzi l-imghaxijiet kif mitluba, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------